# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 42**

**Rikors numru 170/17/1 JZM**

**Olive Gardens Investments Limited (C 16715)**

**v.**

**Il-Prof. Ian Refalo li b'digriet tat-22 ta' Marzu 2017 ġie kkonfermat bħala kuratur deputat għall-assenti Michelle Corinne Minter**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressqet is-soċjeta` attriċi fit-22 ta' Frar, 2017, u li jaqra hekk:

> "1. Illi kif ordnat permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fl-ismijiet "Olive Gardens Investments Limited vs. Dottor Mark Busuttil et nomine", in segwitu għar-rikors maħluf bin-numru disa' mija erbgħa u sebgħin tas-sena elfejn u erbgħa (974/2004), fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax

(2016) gie ppublikat att ta' bejgh-u-xiri min-Nutar Pubbliku Ritienne Bugeja Fenech, li permezz tieghu l-attrici xtrat u akkwistat il-proprjetajiet f'dan ir-rikors deskritti (minn hawn 'l quddiem imsejhin kollettivament u indivizament bhala "l-Immobbli"):

2. Illi permezz ta' cedola ta' depozitu bin-numru elf mitejn wiehed u disghin tas-sena elfejn u sittax (1291/2016), il-konvenuta iddepozitat taht l-Awtorita` ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili s-somma ta' tlett mija u hamsa u disghin elf Ewro (€395,000) "…*sabiex dan id-depozitu jservi biex b'hekk l-esponenti tirkupra minghand l-intimata b'titolu successorju jigifieri bhala ko-werrieta ai termini tal-Artikolu 912 tal-Kodici Civili, dak kollu trasferit lill-intimata minn Robert Sant Fournier bl-att tat-22 ta' Lulju 2016 ippublikat min-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech … … u dak kollu intiz li jigi trasferit ai termini tas-sentenza precitata tat-30 ta' Jannar 2015 li ordnat l-esekuzzjoni tal-konvenju precitat datat 23 ta' Mejju, 2003, u sabiex din is-somma hekk depozitata tkun tista' tigi liberament irtirata mill-istess intimata wara li tithalla d-debita ricevuta, liema somma tkopri dak kollu indikat fil-paragrafu precedent, u b'rizerva li jekk jirrizultaw spejjez ulterjuri li l-esponenti ma tafx bihom f'dan l-istadju, l-esponenti tiddepozita ammont ulterjuri biex tkopri ukoll dawk l-eventwali spejjez".*

3. Illi c-cedola ta' depozitu bin-numru elf mitejn wiehed u disghin tas-sena elfejn u sittax (1291/2016) hija nulla u minghajr effett billi l-konvenuta ma ghandha ebda dritt li tirkupra l-Immobbli akkwistati mill-attrici kif suespost.

4. Illi b'ittra ufficcjali bin-numru elfejn disa' mija sitta u erbghin tas-sena elfejn u sittax (2946/2016), l-attrici kkontestat fermement il-jedd ta' rkupru vantat mill-konvenuta.

5. Illi minkejja l-interpellanza maghmula mill-attrici, l-konvenuta baqghet inerti u inadempjenti.

6. Illi ghalhekk qed issir din il-kawza.

7. Illi Janice Baldacchino, debitament awtorizzata tirrapprezenta lill-attrici fi proceduri gudizzjarji, tiddikjara li taf bil-fatti suesposti personalment.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi l-attrici umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuta m'ghandha ebda jedd li tirkupra l-Immobbli akkwistati mill-attrici permezz ta' l-att pubblikat min-Nutar Pubbliku Ritienne Bugeja Fenech fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016);

(2) Tiddeciedi u tiddikjara li konsegwenzjalment ic-cedola ta' depozitu prezentata mill-konvenuta fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili bin-numru elf mitejn wiehed u disghin tas-sena elfejn u sittax (1291/2016) hija nulla, invalida u minghajr ebda effett fil-ligi.

u dan previa kull provvediment iehor opportun.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali bin-numru elfejn disa' mija sitta u erbghin tas-sena elfejn u sittax (2946/2016), kontra l-konvenuta, li hija minn issa ngunta in subizzjoni."

2. Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut *nomine* li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi huwa minnu li fit-22 ta' Lulju 2016 gie ppublikat l-att ta' bejgh imsemmi fir-rikors guramentat;

2. Illi l-fatti elenkati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici fir-rikors guramentat m'humiex kontestati fis-sens illi huwa minnu l-esponenti ezercitat id-dritt ta' rkupru ai termini tal-Artikolu 912 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' cedola numru 1291/2016;

3. Illi t-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huwa kompletament ikkontestat l-ewwel nett billi l-attrici lanqas tindika ebda raguni ghalfejn l-irkupru skond l-istess attrici huwa null, u fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, billi c-cedola appena msemmija numru 1291/2016 hija kompletament valida u ma hemm xejn fiha li jista' jirrendiha nulla u minghajr effett, u Michelle Corinne Minter – li tigi bint il-mejjet Hugh Sant Fournier u li kienet ko-eredi ta' missierha flimkien ma' huha Robert Sant Fournier – kellha kull dritt li tezercita d-dritt ta' rkupru;

4. Illi kwantu ghar-raba' u l-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici, b'risposta ghall-ittra ufficjali numru 2946/2016 l-intimata Michelle Corinne Minter intavolat ittra ufficjali hija stess kontra s-socjeta` Olive Gardens Investments Limited fejn sahqet li l-irkupru minnha ezercitat huwa validu u zammet lill-attrici responsabbli ghad-danni, kif jirrizulta mill-annessa kopja tal-imsemmija ittra ufficjali, immarkata bhala Dokument 'MCM1';

5. Illi ghalhekk din il-kawza hija minghajr fundament;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-eccipjenti ghandha s-segwenti ecezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attrici:

1. Illi qabel xejn l-esponenti jeccepixxu n-nullita` tar-rikors promotur billi la hemm fih ir-raguni tat-talba u lanqas tifsira cara u sewwa tar-

raguni ghalfejn l-attrici ssostni li l-irkupru ezercitat mill-eccipjenti huwa null u invalidu, u billi ma tistax issir kawza minghajr kawzali, u dan kollu ipoggi lill-eccipjenti huwa null u invalidu, u billi ma tistax issir kawza minghajr mawzali, u dan kollu ipoggi lill-eccipjenti fi zvantagg u pregudizzju serju billi ma tistax tilqa' adegwatament ghat-talbiet attrici;

2. Illi kompletament minghajr pregudizzju ghas-suespost ma kien hemm xejn irregolari fl-irkupru in kwistjoni billi l-eccipjenti kellha kull dritt tezercita tali rkupru u billi c-cedola numru 1291/2016 hija kompletament valida u effikaci;

3. Illi kompletament minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez u b'rizerva ta' kwalsijasi azzjoni spettanti lill-esponenti kontra s-socjeta` attrici b'rabta mal-imsemmi rkupru, inkluz ghad-danni."

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru, 2019, li in forza taghha l-kawza giet deciza billi:

"Tichad l-ewwel eccezzjoni.

Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra.

Tichad it-talbiet attrici.

Tordna lill-attrici sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**II. <u>Xiehda</u>**

**<u>Janice Baldacchino</u>** direttur ts-socjeta` attrici xehdet illi l-kawza fl-ismijiet *Olive Gardens Investments Limited vs Dottor Mark Busuttil et noe* kienet giet deciza favur taghhom mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta` Jannar 2015. Il-kuntratt skont is-sentenza sar fit-22 ta` Jannar 2016 u kien ippubblikat min-Nutar Pubbliku Ritienne Bugeja Fenech.

Stqarret illi waqt il-qari tal-kuntratt, in-Nutar irrimarkat li wara li ghamlet ricerki kien irrizulta li l-venditur Robert Sant Fournier kien wiret minghand n-Nobbli Hugh Sant Fournier aktar immobbli mil-lista li kienet elenkata fil-konvenju, li tieghu kienet ordnat l-esekuzzjoni bis-sentenza tal-Qorti. Dak il-mument l-avukati li kienu prezenti ghall-kuntratt qablu li l-kuntratt kellu jsir dwar il-proprjeta` li kienet espressament elenkata fil-konvenju tat-23 ta` Mejju 2003.

**Fil-kontroezami**, ikkonfermat illi fil-konvenju kien hemm klawsola li tghid li jekk thalliet barra xi proprjeta` tal-wirt, din il-propjeta` kellha titqies bhala nkluza fil-konvenju. Mistoqsija x`kienet r-raguni ghaliex din il-klawsola thalliet barra mill-kuntratt finali, wiegbet illi ma kenitx hi li lestiet il-kuntratt izda kienet in-Nutar li hadet hsieb. Spjegat li qabel sar il-kuntratt ma kenitx taf b`dik il-klawsola. Hi kemm rat li fil-kuntratt kien hemm il-lista tal-proprjeta` kollha li kienet elenkata fil-konvenju u waqfet hemm. Meta sar il-kuntratt, halliet kollox f`idejn l-avukat.

Xehdet illi ma kenitx involuta meta sar il-konvenju. Ma kenitx is-socjeta` attrici li hejjiet il-lista tal-proprjeta`. Meta sar il-konvenju, missierha (illum mejjet) kellu r-rapprezentanza tas-socjeta` attrici. Hi dahlet fil-kumpannija attrici wara l-mewt ta` missierha. Kien l-2010 jew l-2011. Hija qatt ma rat stima ta` l-proprjetajiet jew kif waslu ghall-prezz. Ma rat notamenti jew minuti tal-bord tad-diretturi ghaliex dak z-zmien missierha kien *sole director*. Hija qatt ma tkellmet ma` Robert Sant Fournier.

Mistoqsija jekk effettivament dak li kienet nnegozjat s-socjeta` attrici kien sabiex tixtri sehem mill-wirt u mhux sehem mill-proprjetajiet individwali, wiegbet li mhux hekk kien il-kaz, ghaliex kieku gara kif kien qed jigi suggerit lilha ma jitnizzlu l-proprjetajiet wahda wahda.

Qalet ukoll li fl-istess zmien, is-socjeta` attrici kienet ghamlet konvenju anke ma` James u Charles Sant Fournier li jigu l-kugini tal-konvenuta. Anke dwar dan il-konvenju hemm kawza pendenti. Mistoqsija jekk jistax jkun li xi darba ltaqghu wkoll ma` Milica Micovic, wiegeb li jista` jkun li gara hekk ghaliex jista` jkun li riedu jixtru s-sehem taghha wkoll biex hekk ikunu xtraw s-sehem kollu li kien gej minn dan l-wirt.

Fissret illi meta sar il-kuntratt finali, in-Nutar kienet spjegat li kien hemm xi proprjeta` li baqghet barra minn dik il-lista, izda l-Avukat li kien qed jidher ghal Robert Sant Fournier kien qal biex jimxu ma` dak li kien hemm miktub fil-konvenju u hekk sar.

Qalet li m`ghandhiex ir-ricerki ta` Hugh Sant Fournier.

Qabel ma sar il-kuntratt kienu gabu l-pjanti mir-Registru tal-Artijiet.

**Milica Micovic** xehdet illi hija tigi l-prim kugina tal-konvenuta. In-Nobbli Hugh Sant Fournier kien z-ziju taghha.

Xehdet illi hija direttur ta` B. Tagliaferro Limited. Bhala azzjonisti, hemm dawk li ghandhom "A" shares ; dawn huma hi, Michelle Junker, Maria Attard Montalto, l-eredi ta` Charles Sant Fournier jnr., James Sant Fournier, Monica Vassallo Cesari, Michael Micovic, Anthea Vassallo Cesari, Mark Vassallo Cesari u Roberta Gabarretta. Imbaghad hemm l-azzjonisti li ghandhom "B" shares ; dawn huma Maria Attard Montalto, Anthony Sant Fournier, u l-eredi tal-Conti Sant Fournier li huma Stephen Sant Fournier, Shaun Sant Fournier, Silvana Psaila, Sarah Psaila, Silvana Sant Fournier u Eileen Busietta.

Stqarret illi l-konvenuta saret azzjonista ta` B. Tagliaferro Limited, ghaliex kienet xtrat l-ishma ta` missierha fis-snin disghin. Missierha kien Hugh Sant Fournier li telaq minn Malta fis-snin sebghin. Dan kellu zewg avukati : Professur Joseph Micallef u, ghal xi zmien, Dr Victor Ragonesi.

Minn dak li tiftakar, il-wirt kien maghmul minn proprjetajiet u ishma. Kellu shares f`socjatjiet barranin. Meta miet il-Bank of Valletta kien ghamel distribuzzjoni ta` flus mir-rikavat tal-bejgh ta` ishma barranin.

**Fil-kontroezami**, xehdet illi Charles Sant Fournier, li jigi n-nannu taghha, kellu xi ishma barranin. Miet fid-9 ta` Marzu 1957. Hi kugina tal-konvenuta. Hugh Sant Fournier, missier il-konvenuta, kien bieghilha xi ishma ta`B. Tagliaferro Limited. Hugh Sant Fournier kellu terz tal-wirt ta` Charles Sant Fournier. Hi u hutha ghandhom terz iehor. L-ahhar terz kien ta` Guido Sant Fournier. It-tfal tieghu, Charles u James, ghamlu konvenju dwar dan it-terz mas-socjeta` attrici. Dwar dan l-konvenju hemm kawza pendenti. Mistoqsija jekk qattx kienet avvicinata mis-socjeta` attrici sabiex tbiegh it-terz taghha u tal-familja taghha, wiegbet illi huma ma riedux ibieghu.

**Johanna Bartolo** mill-Bank of Valletta plc kienet domandata x`informazzjoni ghandu l-bank dwar il-wirt ta` Hugh Sant Fournier. Xehdet illi kien hemm kont intestat : "Heirs of the late Hugh Sant Fournier" : fl-Isterlina li kellu bilanc ta` £6,263.56. Il-kont kien intefah fil-5 ta` Ottubru 2000 u kien ghadu miftuh.

Ipprezentat *legal ruling* dwar il-bejgh ta` ishma u sabiex ir-rikavat tal-bejgh jigi depozitat fil-kont.

Ipprezentat ukoll ittra li turi n-numru ta` ishma li kellu Hugh Sant Fournier. Wara li dawn inbieghu, ir-rikavat kien trasferit ghal kont ta` Advocates Micallef – Clients` Account – f`Lombard Bank skont struzzjonijiet li kellu l-bank b`ittra tal-21 ta` Awissu 2006 li kien baghat Dr Anton Micallef.

Stqarret li fl-2011 il-bank inghata struzzjonijiet kemm mill-konvenuta Michelle Corinne Minter kif ukoll minn Robert Sant Fournier sabiex il-

fondi jigu trasferiti lil kull wiehed minnhom. Ghalhekk ipprezentat ittra datata 18 ta` Ottobru 2011 li l-bank ircieva minghand AVMT Advocates.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, xehdet illi Hugh Sant Fournier miet fl-1 ta` Gunju 1997. Fid-data tal-mewt ma kellux kontijiet mal-Bank of Valletta. Ma kienx irnexxielha ssib l-opening of account form ghal kont numru 40010043567.

**<u>Michelle Corinne Minter</u>** xehdet illi l-genituri taghha kienu Hugh Sant Fournier u Gwendolyn Lorraine Sant Fournier.

Qalet li Robert Charles Sant Fournier jigi huha.

Stqarret illi meta miet missierha, ommha rrinunzjat ghall-wirt. Hi u huha wirtu lil missierhom.

Fissret illi ma kienet taf xejn dwar il-konsistenza tal-wirt ta` missierha. Lanqas kienet taf li l-wirt ta` n-nannu taghha kien ghadu ndiviz. Taf li hi u huha wirt terz tal-wirt tan-nannu taghhom.

Kompliet tghid illi huha ma riedx jistenna. Lanqas ma ried li jkollu x`jaqsam ma` dak il-wirt. Qalilha sabiex tiehu kollox hi. In segwitu saret taf illi huha kien se jbiegh sehmu. Qaltlu li kienet lesta thallsu l-istess prezz li kien offra haddiehor. Huwa izda qabad u biegh lit-terz ; dan akkwista wiehed minn sitta (1/6) tal-eredita`.

Stqarret li hija bdiet tghid lil huha li kellha *right of first refusal* u li kien messu taha c-cans li tixtri s-sehem tieghu hi, izda hu nnegozja mas-socjeta` attrici. Spicca li s-socjeta` attrici xtrat is-sehem tieghu. Ghalhekk hija ezercitat il-jedd tal-irkupru.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, xehdet illi l-inkwiet ta` huha kien li fl-Istati Uniti, fejn kien residenti, kienu sejrin jesigu minnu hlas ta` taxxa fuq immobbli li kellu Malta.

Qalet li l-ishma barranin kienu gew mibjugha madwar hames, sitt snin qabel ma sar il-kuntratt mas-socjeta` attrici.

Dwar il-kont tal-Bank of Valletta, stqarret illi saru jafu bih erba` jew hames xhur qabel. Anzi qalet li saret taf bih fil-kors ta` din il-kawza. Ma kenitx taf mnejn kien gew dawk il-flus.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, xehdet illi l-kont probabilment kien miftuh bi struzzjonijiet tal-avukat. Ghalkemm hi ma tat ebda struzzjonijiet lill-avukat, dan dejjem ha hsieb l-affarijiet ta` missierha, anke wara li miet. Qalet li ma rceviet ebda xi assi minghand l-Av. Micallef. Huma hallew kollox f`idejn l-avukati, ghaliex kienu msiefrin. Kollox kien mizmum fil-kont tal-bank tal-avukati.

**Av. Dr. Anton Micallef** xehed illi xi 15-il sena qabel, kien inkarikat mill-konvenuta u minn huha Robert Sant Fournier sabiex jaghti istruzzjonijiet lil Bank of Valletta ghall-fini ta` likwidazzjoni ta` stocks and securities li kienu wirtu minghand missierhom Hugh Sant Fournier. Dawn kienu nbieghu mill-bank. Huwa hallas lill-klijenti separatament skont is-sehem li kellhom mill-wirt ta` missierhom. Is-sehem dovut lil Robert Sant Fournier thallas fl-2013 waqt li dak dovut lill-konvenuta thallas fl-2015.

**Av. Dr. Peter Borg Costanzi** xehed illi huwa deher bhala kuratur ta` Robert Sant Fournier fuq kuntratt li sar fit-22 ta` Lulju 20126 fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech. Bis-sahha ta` dak il-kuntratt kien esegwit konvenju bejn l-istess Sant Fournier u s-socjeta` attrici, wara sentenza li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta` Gunju 2015.

Xehed illi meta sar il-kuntratt, l-intenzjoni tal-partijiet kienet li jigi trasferit lis-socjeta` attrici dak kollu li Robert Sant Fournier kellu u li seta` jittrasferixxi mill-wirt ta` missieru. Minn dak li jaf, l-proprjeta` li giet msemmija fil-kuntratt kienet tkopri l-assi kollha rimanenti li kellu Robert Sant Fournier mill-wirt. Huwa jiftakar li kien ppresta attenzjoni akkurata ghal-lista tal-proprjeta` biex jara li dak kollu li kien inkluz fil-konvenju kien inkluz ukoll fil-kuntratt. Dan sar anke minhabba l-fatt li kien infurmat li l-Perit Henri Portelli, li kien gie inkarigat mis-socjeta` attrici, kien sab diffikultajiet dwar proprjeta` l-Isla.

Sahaq illi l-intenzjoni kienet li ma tithalla barra l-ebda proprjeta` li kellu Robert Sant Fournier. Li kieku kellu hjiel li kien hemm xi proprjeta` li thalliet barra, kien jinsisti li din tigi nkluza fil-kuntratt.

Stqarr illi ghalkemm sar jaf li n-Nutar kienet semmiet li kien hemm xi proprjeta` ohra li ma kenitx inkluza fil-bejgh, hu ma jiftakarx dan d-diskors.

Qal li jekk verament kien hemm proprjeta` ohra li thalliet barra, din kellha tigi nkluza fil-kuntratt, u ghalhekk il-kuntratt kellu jkun korrett.

**Fil-kontroezami**, kien mistoqsi jekk jiftakarx li dakinhar li sar il-kuntratt, in-Nutar Bugeja Fenech kienet semmiet li kien hemm sehem indiviz ta` xi proprjeta` mmobbli Santa Venera, wiegeb li ma kienx jaf b`dik il-proprjeta`.

Stqarr illi dak li jiftakar dwar dakinhar kien illi fil-konvenju kien hemm klawsola fil-forma ta` *blanket clause* li jekk kien hemm xi proprjeta` ohra kellha tigi nkluza fil-bejgh, imma din il-klawsola ma gietx riprodotta fil-kuntratt. Kien hemm diskussjoni dwar dan dakinhar tal-kuntratt. Meta sar l-kuntratt huwa kien qed isegwi mal-konvenju biex jara li l-proprjetajiet kollha gew inkluzi u kien issemma li din il-klawsola ma gietx inkluza fil-kuntratt. Ma tax wisq importanza lil din il-klawsola

ghaliex kien minghalih li l-proprjeta` kollha kienet inkluza. Dik kienet l-intenzjoni tal-klijent tieghu. Ghal Robert Sant Fournier, fil-konvenju kien hemm miktub l-proprjeta` kollha li kienet tieghu. L-intenzjoni tieghu kienet li jbiegh kollox.

## III. Sottomissjonijiet bil-miktub

### a) Is-socjeta` attrici

Dwar l-ewwel eccezzjoni, is-socjeta` attrici tissottometti li n-nullita` tal-atti gudizzjarji hija regolata bl-Art 789 tal-Kap 12. Tirreferi ghas-sentenzi fil-kawzi : "**Katie Vella vs Joseph Farrugia et**" : Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) : 21 ta` Gunju 2006 ; "**Diane Vella et vs Medserv Operations Limited**" : PA : 31 ta` Ottobru 2008 ; u "**Webcraft Limited vs Evan Cumbo**" : PA : 10 ta` Gunju 2015. Fl-isfond ta` din il-gurisprudenza, skont l-attrici, m`ghandux ikun hemm dubju li l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda ghaliex huwa evidenti mir-rikors promotur li l-pretensjoni taghha dwar in-nullita` tac-cedola hija bbazata fuq il-premessa li l-konvenuta m`ghandhiex dritt ta` rkupru. Tant fehmet il-kawzali x`kienet illi marret ghat-tieni eccezzjoni, apparti li ressqet provi in sostenn tal-posizzjoni taghha.

Is-socjeta` attrici taghti l-isfond guridiku tal-istitut tal-irkupru successorju. Ticcita mill-Code Napoleon, mill-awtur Laurent ("Principii di Diritto Civile, Vol X, para. 364) u l-awtur Zachariae. Tirreferi wkoll ghal sentenzi li nghataw mill-Qrati Francizi ("**Pillin vs Lafontaine**" u "**Fournier vs D`Acquin**"). L-istitut kien introdott fil-Kodici Civili tar-Regno Delle Due Sicilie : Art 760. Fil-Kodici Civili taghna, l-istitut huwa regolat bl-Art 912. Dwar l-interpretazzjoni tad-disposizzjoni, l-attrici tirreferi ghas-sentenzi fil-kawzi : "**Emanuel Schembri noe vs Paul Camilleri et**" : Qorti ta` l-Appell 12 ta` Gunju 2001; "**Mario Micallef et vs Joseph Difesa**" : Qorti ta` l-Appell : 26 ta` Mejju 2006 ; "**Abraham Bonnici et vs Joero Limited**" : Qorti ta` l-Appell : 3 ta` Frar 2009 ; "**Maria Buttigieg et vs George Galea et**" : Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri : 20 ta` Mejju 2004 ; "**Carmen Grech et vs Francis Cutajar et**" : PA : 6 ta` Novembru 2009 ; "**Emanuela Gerada et vs Joseph Abela et**" : 7 ta` Novembru 2002 ; u "**Vincent Camilleri et vs Helen Pavia**" : PA : 26 ta` Marzu 2002.

Tghid illi t-trasferiment ta` sehem indiviz ta` attiv determinat li gej minn wirt, u mhux sehem minn dak il-wirt, ma jaghtix lok ghad-dritt ta` rkupru, ghaliex dak li jakkwista sehem indiviz f`beni partikolari, u mhux kwota ta` eredita` m`ghandux id-dritt, li jippartecipa fl-*actio familiae erciscundae*. Dak li jakkwista sehem indiviz fil-beni partikolari jista` biss iwettaq l-*actio communi dividundo* fil-konfront tal-werrieta l-ohrajn li wara l-qasma tal-wirt, ikunu gew assenjati l-ishma indivizi rimanenti f`dawk il-beni partikolari. Meta ko-eredi jittrasferixxi sehem indiviz f`immobbli lil terz, qabel ma tkun saret il-qasma, dak t-trasferiment mhuwiex soggett ghad-dritt ta` irkupru, izda huwa soggett ghal dak li

jipprovdi l-Art 946 tal-Kap 16. Ghalhekk meta jitqiesu l-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha. Il-kuntratt tat-22 ta` Lulju 2016 kellu bhala oggett ishma indivizi f`diversi proprejtajiet immobbli li huma dettaljatament deskritti u specifikati. Id-dicitura tal-kuntratt hija cara. Mill-provi rrizulta li kien hemm attiv iehor tal-wirt li ma kienx inkluz fil-bejgh u cioe` :-

i) fond deskritt bhala : *"The terraced house at number ninety eight (98) formerly number forty (40) Msida Road, Santa Venera, let at sixty Malta Liri (Lm 60) per annum, having a value the said undivided third share …"*

ii) ishma u investimenti li ggeneraw frottijiet u qligh, u li eventwalment gew ukoll likwidati.

It-tezi tal-konvenuta tikkozza mar-realta` tal-fatti.

**b) Il-konvenuta**

Dwar l-ewwel eccezzjoni tissottometti illi a tenur tal-Art 156 tal-Kap 12 hemm numru ta` elementi li huma necessarji sabiex rikors guramentat ikun validu. Fost dawn l-elementi hemm illi r-rikors guramentat ghandu jkun fih : i) dikjarazzjoni ta` x`inhu l-oggett tal-kawza, liema oggett irid ikun imfisser b`mod car u sewwa b) ir-raguni tat-talba ; u c) li ghandu jkun fih t-talba nnifisha.

Dan premess, wara li ghamlet referenza ghaz-zewg talbiet li ghamlet l-attrici, il-konvenuta tirrimarka li l-attrici ma tatx ir-raguni ghala ghamlet iz-zewg talbiet. Skont il-konvenuta, din il-mankanza tal-attrici ppregudikataha fid-difiza tant illi fit-tieni eccezzjoni hija laqghet ghat-talbiet attrici b`mod wiesa` kemm jista` jkun. Dan il-pregudizzju fid-difiza kompla matul il-kawza ghaliex is-socjeta` attrici baqghet ma tatx ir-raguni ghala c-cedola kienet nulla. Kien biss fl-istadju tan-nota ta` sottomissjonijiet illi c-cedola hija nulla ghaliex fil-kuntratt in kwistjoni ma sarx t-trasferiment ta` sehem ta` eredita` ghaliex kienet thalliet barra proprjeta` partikolari. Inoltre kien biss fin-nota li l-attrici ndikat liema kienet il-propjeta` li thalliet barra. Il-konvenuta tirreferi ghas-sentenzi fil-kawzi : "**AIC Carmelo Falzon vs William Galea et**" : Qorti ta` l-Appell : 14 ta` Dicembru 1956 ; "**Joseph Vassallo et vs Avv. Victor R. Sammut et noe**" : Qorti ta` l-Appell : 21 ta` April 1950 ; u "**Joseph Demicoli vs Fix Limited**" : Qorti tal-Magistrati (Malta) : 4 ta` Gunju 2014.

Il-konvenuta tkompli tissottometti li mkien fir-rikors guramentat ma nghad li l-irkupru ma kienx validu ghaliex il-kuntratt ma kienx jikkostitwixxi trasferiment ta` jeddijiet fuq wirt. Ghalhekk l-eccezzjoni kellha tkun milqugha stante li r-rikors promotur jivvjola l-forma li jridu l-Art 789(1) u l-Art 156(1) tal-Kap 12.

Dwar il-mertu, il-konvenuta tosserva li dak li huwa zgur fl-istitut tal-irkupru successorju huwa li dan huwa intiz biex jipprotegi lill-werrieta mill-intromissjoni ta` terzi fil-wirt biex b`hekk il-proprjeta` tal-wirt tibqa f`idejn il-ko-werrieta u tigi facilitata d-divizjoni. Mhijiex kopjuza l-gurisprudenza dwar dan l-istitut fis-sistema guridiku taghna. Man-nota kienet prezentata kopja ta` sentenza moghtija mill-qrati fl-Italja fid-19 ta` Jannar 2012.

Tirreferi ghas-sentenza "**Micallef vs Difesa**" (op. cit.). Ticcita wkoll mis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**Carmel sive Charles Aquilina et vs Gorg Micallef et**" li kienet deciza mill-Qorti ta` l-Appell fis-26 ta` Jannar 2018. Hekk kien ritenut illi jekk kuntratt ikun intiz sabiex jittrasferixxi sehem minn wirt, avolja l-kuntratt kien gie redatt bhala trasferiment ta` beni singoli, xorta wahda ghandu jitqies bhala trasferiment ta` kwota ereditarja.

Dwar il-fatt tal-kaz odjern, il-konvenuta tissottometti li mill-konvenju jirrizulta li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li tigi trasferita l-kwota ereditarja li Robert Sant Fournier kellu fil-wirt ta` missieru. Jirrizulta wkoll mill-konvenju illi l-partijiet kienu qed jifhmu li l-beni elenkati kienu jikkomprendu t-totalita` tal-beni li kellu d-decujus. Dan jirrizulta wkoll minn numru ta` emails li kienu ezebiti u li kienu skambjati bejn Robert Sant Fournier u l-avukat tieghu. Skont dawn l-emails jirrizulta li Robert Sant Fournier kien avviciant biex ibiegh s-sehem tieghu mill-wirt ta` missieru. Dan il-fatt jirrizulta wkoll mix-xiehda li kien ta l-mejjet Joseph Baldacchino, fil-kawza dwar il-konvenju, li kienet tittratta l-konvenju, mnejn jirrizulta li s-socjeta` attrici dejjem riedet tixtri s-sehem li kellu Robert Sant Fournier mill-wirt. Hekk jirrizulta kkonfermat mid-deposizzjoni ta` Dr Peter borg Costanzi.

Is-socjeta` attrici ma gabet l-ebda prova dwar il-konsistenza tal-assi tal-wirt fil-mument li sar t-trasferiment. Kien biss fl-istadju tan-nota ta` sottomissjonijiet fejn issemma s-sehem li Sant Fourner kellu minn fond go Santa Venera.

Il-konvenuta tishaq illi l-lista tal-proprjetajiet kienet wahda twila. Ghalhekk tenut kont tal-portata ta` dan l-wirt, jekk thalliet barra xi proprjeta, certament li din ma kellhiex xi valur sinjifikanti meta kkomparata mal-bqija tal-proprjeta`. Minbarra dan, meta sar il-kuntratt tal-2016, ma kienx ghad hemm assi mobbli. Jekk kien hemm xi ishma barranin, dawn kienu f`ammonti nsinjifikanti, li uhud minnhom lanqas biss kienu ghadhom jezistu. Fi kwalunkwe kaz dawn gew likwidati qabel ma sar it-trasferiment. Irrizulta wkoll li l-kont bankarju li hemm f`isem l-eredi ta` Hugh Sant Fournier, infetah wara li hu kien miet. Ghalhekk l-frottijiet li jidhlu wara l-mewt ma jappartjenux lill-wirt izda jappertjenu lill-werrieta individwali. Ghaldaqstant lanqas dan l-kont ma huwa ta` xkiel sabiex ikun hemm l-ezercizzju tal-irkupru.

Dwar l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici li saret fin-nota taghha li l-irkupru kienet biss azzjoni tal-konvenuta sabiex tfixkel lis-socjeta` attrici milli tidhol fil-pussess tal-proprjetajiet, dan mhuwiex minnu, il-konvenuta ssostni li mill-bidunett hija wissiet lis-socjeta` attrici li jekk kienet sejra tipprocedi bil-bejgh kienet sejra tmur ghall-irkupru. Fil-fatt il-konvenuta pprezentat ittra ufficjali qabel ma kien finalizzat il-kuntratt.

**IV. <u>Sottomissjonijiet bil-fomm</u>**

**a) <u>Is-socjeta` attrici</u>**

Taghmel referenza ghan-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenuta. Tirrileva li l-Art 737 tal-Kodici Civili Taljan huwa ferm differenti mid-disposizzjoni li tirrizulta fil-kodici taghna, li kien imfassal fuq il-Kodici Franciz tal-1802. Fil-ligi taghna, fejn it-trasferiment ikun qed jirreferi ghal beni singoli, u mhux ghal sehem minn wirt, id-dritt ta` rkupru mhuwiex ezercitabbli. Minbarra dan, fil-kaz tal-lum, il-kuntratt kien ordnat mill-qorti. Kien frott ta` sentenza li ghaddiet in gudikat. Ghalhekk ma setax jigi mpunjat kif qeghda tippretendi l-konvenuta. Kompla jinghad li l-kuntratt jirreferi ghat-trasferiment ta` oggetti singoli. Meta wiehed jitkellem dwar sehem minn wirt, ikun qed jitkellem dwar universalita` ta` oggetti u mhux dwar beni partikolari. Fil-kuntratt in kwistjoni ma kienx hemm trtasferiment ta` universalita`.

**b) <u>Il-konvenuta</u>**

Mistoqsija mill-qorti x`ghandha xi tghid dwar is-sottomissjoni tas-socjeta` attrici li sabiex tezercita d-dritt ta` irkupru irid ikun hemm universalita tal-oggetti u mhux oggetti individwali, il-konvenuta tirrileva illi tassew li hemm gurisprudenza li tghid hekk izda s-sottomissjoni taghha tmur ben oltre minn hekk. Tishaq illi Joseph Baldacchino kien xehed li l-intenzjoni tieghu kienet li jixtri sehem mill-wirt li principalment kien jikkonsisti minn hwejjeg immobbli. Dwar l-proprjeta` ta` Santa Venera, din issemmiet biss fin-nota ta` sottomissjonijiet u s-socjeta` attrici ma gabet ebda prova tal-ezistenza ta` din il-propjeta`. Il-Qorti kienet laqghet it-talba sabiex jigi ppubblikat il-kuntratt skont il-konvenju, u fil-konvenju kien hemm klawsola li tghid illi jekk kien hemm proprjetajiet ohra mhux inkluzi dawn kellu jitqiesu bhala komprizi fil-bejgh.

**V. <u>Konsiderazzjonijiet ta` l-Qorti</u>**

**1. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

**<u>L-Art.156(1) tal-Kap.12</u>** jitlob li r-rikors guramentat ghandu jkun fih :

a) dikjarazzjoni li tfisser b`mod car u sewwa l-oggett tal- kawza.

b) ir-raguni tat-talba.

Billi bl-ewwel eccezzjoni nghatat in-nullita` tar-rikors guramentat, trid issir referenza ghall-**<u>Art. 789 tal-Kap. 12</u>** fejn jinghad :-

*(1) L-eccezzjoni ta` nullità tal-atti gudizzjarji tista` tinghata -*

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-ligi espressament;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta` nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort`ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta` nullità kif mahsuba fil-paragrafi(a), (c), u (d) ma tkunx tista` tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohratal-ligi.*

*(2) L-eccezzjoni ta` nullità ta` att, taht is-subartikolu (1)(c), ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità.*

Il-gurisprudenza taghna enuncjat principji jew linji gwida, li kienu jghoddu ghac-citazzjoni u li llum *mutatis mutandis* japplikaw ghar-rikors guramentat.

Huwa principju inderogabbli li l-azzjoni hija migbura fil-premessi li ghandhom iwasslu ghat-talbiet. Ghalhekk ghandu jirrizulta ness guridiku bejn il-premessi u t-talbiet sabiex jigi sodisfatt dak li qed jesigi l-Art.156 tal-Kap.12. Mhux biss izda huwa mehtieg li mill-mod kif huwa redatt ir-rikors guramentat, l-azzjoni tkun wahda kjarament identifikabbli fil-ligi. L-Art.156 jimponi fuq l-attur li jidentifika l-oggett tal-kawza, jaghti r-raguni ghala qed jitlob dak l-oggett u jfisser car u sewwa kemm l-oggett kif ukoll ir-raguni ("**<u>Galea vs Galea</u>**" – Qorti tal-Appell – 30 ta` Marzu 1998 u "**<u>Camilleri et vs Galea</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili - 6 ta` Gunju 1991)

Dan isir ghaliex *il citato deve conoscere quanto da lui si richiede dai termini delle domande e non dai documenti che vanno uniti alla citazione da altro mezzo di prova che in sostegno delle domande potrebbero essere predati e non a lui notificati* ("**<u>Zammit vs Cassar noe</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 6 ta` Novembru 1930 u "**<u>Mizzi vs Chapman et</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 26 ta` April 1951).

Pero` irid jinghad li l-Art.156 *ircieva fil-gurisprudenza taghna interpretazzjoni larga fis-sens li ma giex adottat fir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem stess tad-disposizzjoni* (**Vol. XXIX.I.431 ; XXXII.I.228 u XXXIV.II.502**).

Il-Qrati taghna sostnew li l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni (illum ir-rikors guramentat). Bizzejjed jiftiehem x`ikun qieghed jitlob l-attur, b`mod li l-kawzali tista` tkun espressa lakonikament, u jekk ma tkunx cara daqstant, ikun bizzejjed jekk tkun spjegata fid-dikjarazzjoni relattiva, stante li ghandha tigi kunsidrata bhala haga wahda mal-att promotur, u ghandha konsegwentement tghin biex ticcara l-kawzali (**"Moore noe vs Fiteni"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 15 ta` Dicembru 1955 ; **Vol. XLIII.II.748** ; **XXX.I.228** ; **"Frendo noe vs Attard"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 19 ta` Gunju 1989 ; **LXXIV.II.406**).

Fis-sentenza "**Scicluna vs Xuereb et**" deciza fit-22 ta` Mejju 1967, il-Qorti tal-Appell osservat li ghalkemm fic-citazzjoni l-kawzali tista` tkun dedotta b`mod lakoniku, ic-citazzjoni ma tkunx nulla jekk il-kawzali tkun imfissra tajjeb, u sakemm ma tkunx talment difettuza li minhabba f`hekk il-konvenut jigi pregudikat ghaliex ma jkunx jista` jiddefendi ruhu.

Madankollu l-prassi tal-Qrati taghna, *anke* minhabba l-emendi introdotti fil-ligi fil-Kap.12 bl-Att XXIV tal-1995, hija li l-*formalizmu esagerat* ghandu kemm jista` jkun ridott u arginat ("**Fino vs Fabri noe**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Frar 1997) bil-konsegwenza li *l-atti ghandhom jigu salvati anziche` annullati jew dikjarati nulli* ("**Ellul vs Coleiro"** – Qorti tal-Appell – 24 ta` Jannar 1964 ; "**Urso vs Cini**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 19 ta` Jannar 1999)

Il-premess iwassal biex jigi riaffermat il-principju li n-nullita` ta` att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li ghandha tkun imposta biss meta n-nuqqas fl-att – sostanzjali jew formali – ma jkunx jista` jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali.

Ghalhekk l-att ghandu jigi annullat biss ghal ragunijiet gravi (**"Vella et vs Camilleri"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – Vol.LXXXI.III.31)

Fil-kaz tal-lum, il-konvenuta tilmenta li garrbet pregudizzju ghad-difiza taghha ghaliex tghid illi ma setghetx tifhem ir-raguni u allura abbazi ta` liema kawzali s-socjeta` attrici kienet qeghda titlob in-nullita tac-cedola li biha l-konvenuta ezercitat id-dritt ta` rkupru.

Din il-pretensjoni tal-konvenuta mhijiex sostenibbli.

Jirrizulta kemm mir-risposta guramentata, kemm mill-provi li gabet, kif ukoll mis-sottomissjonijiet li ressqet illi l-konvenuta kienet taf *senza*

*mezzi termini* n-natura tal-azzjoni u kif kellha tilqa` ghall-azzjoni fil-mertu.

Mill-atti jirrizulta li fl-20 ta` Gunju 2003, jigifieri lanqas wara xahar li kien iffirmat l-konvenju bejn is-socjeta` attrici u Robert Sant Fournier, il-konvenuta pprezentat ittra uffijcali, fejn iddikjarat li jekk isehh t-trasferiment kif patwit fil-konvenju, kienet sejra tezercita d-drittijiet taghha nkluz l-irkupru. L-azzjoni attrici kienet prevista u ma setghetx tkun ghajr dik kif intavolata.

**L-eccezzjoni qeghda tkun <u>respinta</u>.**

**2. <u>Mertu</u>**

L-attrici mexxiet bl-azzjoni odjerna ghaliex tikkontendi li l-konvenuta ma setghetx tinvoka l-irkupru successorju bis-sahha tac-cedola ta` depozitat de qua. Ghalhekk indirizzat it-talbiet taghha sabiex dak id-depozitu li sar mill-konvenuta jkun dikjarat null u bla effett.

Fil-ligi taghna l-istitut tal-irkupru successorju huwa regolat bl-**<u>Art 912 tal-Kap 16</u>** li jghid:-

*(1) Jekk wiehed mill-werrieta jkun ceda, b`titolu oneruz, il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt lil xi hadd li ma jkunx ukoll werriet, il-werrieta l-ohra jew wiehed jew izjed minnhom jistghu jeskludu lic-cessjonarju, allavolja dan ikun qarib tal-mejjet, mill-qasma, billi jhallsu lilu l-prezz tac-cessjoni, l-ispejjez li jkun ghamel ghal dik ic-cessjoni, u l-imghaxijiet fuq il-prezz minn dak in-nhar li dak il-prezz ikun gie mhallas minnu lic-cedent.*

*(2) Il-jedd li ghandhom il-werrieta l-ohra kif jinghad hawn fuq, jispicca wara xahar min-notifika li ssir lilhom ta` dik ic-cessjoni, kemm-il darba f`dak iz-zmien huma ma jiddikjarawx li jridu jezercitaw dak il-jedd.*

*(3) Meta wiehed mill-werrieta jkun ezercita dak il-jedd, il-werrieta l-ohra jistghu jinghaqdu mieghu, basta li jiddikjaraw dan fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika maghmula lilhom.*

*(4) Dawn in-notifiki u dikjarazzjonijiet ghandhom isiru b`att gudizzjarju.*

Fil-kors ta` din il-kawza, il-partijiet ghamlu referenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet : "**<u>Mario Micallef et vs Joseph Difesa u martu Rita</u>**" : li kienet deciza fl-ewwel istanza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta` Frar 2005 ; u fit-tieni istanza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta` Mejju 2006 li kkonfermat is-sentenza fl-ewwel istanza.

Tajjeb li ssir ampja referenza ghal dak li kien deciz f`dik il-kawza ghaliex il-Qorti jidhrilha li dak li jirrizulta minn dik is-sentenza ghandu rilevanza ghall-fini tal-kawza tal-lum :-

*“Mill-premessi fatti jidher li l-punt involut huwa essenzjalment legali u li r-rizoluzzjoni tieghu tiddependi mill-interpretazzjoni li trid tigi akkordata lill-Artikolu 912 tal- Kodici Civili. Jinsab provvdut fis-subinciz (1) tieghu illi: `jekk wiehed mill-werrieta jkun ceda, b`titolu oneruz, il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt lil xi hadd li ma jkunx ukoll werriet, il-werrieta l-ohra jew wiehed jew izjed minnhom jistghu jeskludu lic-cessjonarju, allavolja dan ikun qarib tal-mejjet, mill-qasma, billi jhallsu lilu l-prezz tac-cessjoni, l-ispejjez li jkun ghamel ghal dik ic-cessjoni, u l-imghaxijiet fuq il-prezz minn dakinhar li dak il-prezz ikun gie mhallas minnu lic-cedent`;*

*“Bhala fonti storika jinghad li l-precitat dispost tal-ligi hu mehud minn dak ta` l-Artikolu 1064 tal-Kodici ta` Sardegna, minn dak ta` l-Artikolu 975 tal-Kodici ta` Parma, Piacenza u Guastella, u minn dak ta` l-Artikolu 841 tal- Kodici Franciz, bid-differenza li l-ligi taghna meta titkellem fuq il-persuna li tista` tigi eskluza mid-divizjoni, tqieghed il-kondizzjoni li dik il-persuna ma tkunx `koeredi`, mentri l- Kodici Franciz ighid `non sia succesibile`. Ara Kollez. Vol. XXX P I p 481. Dejjem f`din l-istess sentenza jinghad li l- fondament principali tad-disposizzjoni huwa l-eskluzjoni ta` l-estraneji fil-hwejjeg tal-familja. `L`articolo 615 della detta Ordinanza (korrispondenti ghall-Artikolu 912) dà il diritto ad un coerede di escludere dalla divisione l`acquirente estraneo` (Kollez. Vol. XX P I p 24);*

*“Dan affermat, il-gurisprudenza taghna in subjecta materia tissokta tippreciza illi `è principio universalmente riconosciuto in materia di retratto legale che le leggi o le consuetudini che lo permettono, essendo esse contrarie alla libertà della disponibilità dei beni, sono di stretta interpretazione` (Kollez. Vol. XXV P I p 99);*

*“Tali principju hu rikonoxxut ukoll f`materja ta` rkupru successorju tant li anke hawn hu accettat illi `il diritto codesto è di stretta applicazione` (Kollez. Vol. XXVI P II p 353) u ma huwiex suxxettibbli ta` interpretazzjoni estensiva billi huwa kuntrarju ghall-libertà tad-disponibilità tal-beni u eccezzjoni ghad-dritt komuni (Angelo Grech et – v. - Luigi Vella, Appell Civili, 19 ta` Novembru 1973);*

*“Is-suesposti principji jsegwu t-taghlim dottrinali ta` bosta awturi affermati. Fost ohrajn, l-Laurent jsostni illi `la proprietà certamente è di ordine pubblico, poiche è la base dell`ordine sociale; ora il diritto di retratto viola la proprietà. Esso deroga alla libertà ... Che il diritto di retratto sia eccezionale non può presentare alcun dubbio` - `Principii di Diritto Civile`, Vol. X para. 342 u 343). Konsegwentement, fil-fehma tat-trattisti, b`mod generali, id-dritt ta` l-irkupru ma jistax jigi konsagrat b`interpretazzjoni estensiva in kwantu mhux ammessi eccezzjonijiet ghar-regola komuni tal-libertà li wiehed jiddisponi mill-hwejjeg proprji tieghu;*

*“Cio nonostante dak li ghadu kif gjà kummentat, gie deciz ukoll li `sebbene la legge abbia stabilito che ciascun consorte si ritenga avere piena proprietà della sua quota, e dei relativi utili e frutti, permettendone l`alienazione, e la cessione, e l`ipoteca; tuttavia ha limitato l`effetto dell`alienazione e dell`ipoteca a quella porzione, che venga a spettargli nella divisione - articolo 191 (illum Artikolu 495, Kodici Civili). Anzi,*

*disponendo in un modo equitativo, nel caso un coerede si volesse valere della facoltà accordategli, ha fornito i mezzi di escludere i non eredi dalla divisione - articolo 615 (illum Artikolu 912, Kodici Civili).` Kollez. Vol. IX pagna 643;*

*"Korrettement intiz, l-Artikolu 912(1) hu cirkoskritt unikament ghall-kaz ta` cessjoni tal-kwota ereditarja ossia `tal-jeddijiet fuq il-wirt` da parti tal-koeredi. M`hemmx dubbju illi l-fond meritu ta` l-azzjoni jifforma parti mill-assi ta` l-awtur ta` l-atturi. Huwa indubitat ukoll illi l-aljenazzjoni li ghamlu whud mill-koeredi bil-kuntratt tas-26 ta` Settembru 1994 ma kienetx tal-kwota ereditarja taghhom izda tas-sehem indiviz li kull wiehed u wahda minnhom kellhom ta` l-immobbli determinat. Il-fatt li fost l-assi ta` Bartolomeo Debono kien ghad baqa` biss dik l-ghalqa specifika ma jgibx ghal daqshekk illi allura l-koeredi kienu qeghdin jittrasferixxu l-kwota ereditarja taghhom ghax kien baqa` biss dik il-proprjetà;*

*"Huwa car mill-kontenut tal-kuntratt illi dak li kienu qeghdin jakkwistaw il-konvenuti ma kienetx xi kwota ereditarja integra, intiza din bhala porzjoni ta` unità attiva u passiva li tikkomponi l-eredità tad-decujus. Fil-fatt il-kuntratt espressament jipprovdi li l-konvenuti akkwirenti kienu qed jixtru ishma mill-ghalqa ad eccezzjoni ta` dawk il-porzjonijiet konsistenti fi kwart minn sest indiviz appartenenti lil kull wiehed u wahda mill-persuni hemm indikati, u cjoè, Luigi Camilleri, Grazia Micallef, u l-eredi ta` Joseph Micallef, ossija l-atturi prezenti;*

*"Vizwalizzata minn din l-ottika, u b`applikazzjoni tal- principji suddetti, ma jistax ragonevolment jinghad illi dak pretiz mill-atturi bhala rkupru successorju jirrientra fid- dispost ta` l-Artikolu 912 fuq espress;*

*"Fuq din it-tema, ghall-kwezit minnu stess sollevat, jigifieri jekk ir-retratt successorju jistax jigi ezercitat meta c-cessjoni tabbraccja oggett determinat ta` l-eredità, il-Laurent, filwaqt li jirrikonoxxi li l-kwestjoni hi wahda kontroversa, iwiegeb hekk: `Noi non esitiamo a deciderla negativamente. Il testo è formale: perche si faccia luogo al retratto occorre che il coerede abbia ceduto il suo diritto alla successione.` Ic-cessjoni li jaghmel koeredi ta` dritt tieghu f`immobbli specifiku mhix cessjoni tad-dritt successorju tieghu (`Principii di Diritto Civile`, Vol. X para 364).*

*"Kaz analogu ghal dak hawn trattat hu dak deciz fl-ismijiet Emanuel Schembri nomine – v. – Paul Camilleri, Appell, 12 ta` Gunju 2001, ben familjari ghall-gudikant sedenti li kien jippatrocina l-interessi fil-gudizzju tal-konvenut akkwirent. Din il-Qorti taghmel espressa referenza ghal konsiderandi fiha kontenuti";*

Ferm il-premess, il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni rat il-bidu taghha meta kien iffirmat il-konvenju tat-23 ta` Mejju 2003 bejn is-socjeta` attrici u Robert Sant Fournier.

Fil-konvenju Robert Sant Fournier obbliga ruhu li biegh a favur tas-socjetra` attrici parti minn sitta (1/6) ta` sehem indiviz ta` lista shiha ta` proprjeta` mmobbli u ta` cnus.

Rilevanti minn dan il-konvenju huma l-klawsoli 5 u 6.

**<u>Klawsola 5</u>** tghid :–

> *"This promise of sale is subject to the condition that the Purchaser acquires all the undivided portions of the immovable above described belonging to the heirs of the Vendor`s uncle (Guido Sant Fournier), the Vendor`s aunt (Mary Micovic nee Sant Fournier) and the Vendor`s sister Michelle Corinne Minter. The Purchaser may renounce to this condition. The final deed shall be published within two months from when the Purchaser acquires the aforementioned undivided portions or within two months when he notifies the Vendor in writing that he has renounced to the said condition."*

**<u>Klawsola 6</u>** tghid :-

> *"For all intents and purposes the Vendor declares that the immovable property described above consists of all the immovable property which he still has from the inheritance of his father. The parties agree that any other immovable property in Malta which the Vendor inherited from his father and which he still owes today is included in this promise of sale and shall be included in the final deed without any change to the price mentioned in clause 1 above and the sale of such immovable property shall be governed by the terms and conditions agreed to in this preliminary agreement mutatis mutandis."*

Jirrizulta li ghall-fini ta` dak previst mill-Art 912(2) tal-Kap 16, precizament fl-20 ta` Gunju 2003, il-konvenuta pprezentat ittra ufficjali, fejn iddikjarat li jekk isehh t-trasferiment kif kien patwit fil-konvenju, hija kienet sejra tezercita d-drittijiet taghha bhala ko-eredi nkluz dak tal-irkupru.

In segwitu saret il-kawza fl-ismijiet : *Olive Gardens Investments Limited vs L-Av. Dottor Mark Busuttil pro et noe.*

Hemm is-socjeta` attrici talbet sabiex jigi ddikjarat li l-bejgh bejn l-ahwa Robert Sant Fournier u Michelle Corinne Minter kien sar b`qerq, li tkun ordnata r-rexxissjoni tal-kuntratt ; u sabiex Robert Sant Fournier jaddivjeni ghall-kuntratt ta` trasferiment favur is-socjeta` attrici b`referenza ghal konvenju datat 23 ta` Mejju 2003.

Il-kawza kienet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta` Jannar 2015.

Hemm kien deciz illi l-kuntratt ta` bejgh bejn l-ahwa kien sar b`qerq.

Barra minn hekk, Robert Sant Fournier kien ordnat sabiex jersaq ghall-kuntratt ta` bejgh favur is-socjeta` attrici :

> *"b`dan li taghmilha cara li kif inghad hawn fuq il-kundizzjoni komtemplata fi klawsola numru 5 tal-konvenju hi meqjusa li get rinunzjata mis-socjeta` attrici".*

Bhala konsegwenza ta` dik is-sentenza (li ma rrizultax li sar appell minnha) kien ippubblikat il-kuntratt ta` bejgh bejn is-socjeta` attrici u Robert Sant Fournier fit-22 ta` Lulju 2016 fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech fit-22 ta` Lulju 2016.

Fil-kuntratt jirrizulta li kienet riprodotta l-lista tal-proprjetajiet li kienet inkluza fil-konvenju.

Bhala konsegwenza tas-sentenza, il-klawsola nru. 5 kienet giet rinunzjata.

Fil-kuntratt ma saret l-ebda referenza ghall-klawsola nru. 6.

Xahar wara li sar il-kuntratt, il-konvenuta pprezentat cedola ta` irkupru fit-22 ta` Awissu 2016.

Fis-7 ta` Settembru 2016, is-socjeta` attrici pprezentata ittra ufficjali nru. 2946/16, li biha nfurmat lill-konvenuta li kienet qed tikkontesta c-cedola. Il-konvenuta pprezentat ittra ufficjali nru. 176/2017 b`risposta.

Din il-Qorti taccetta li l-lista tal-proprjeta` kienet denunzjata ghall-fini tal-procediment *causa mortis* a fol 68 et seq tal-process.

Hija l-lista tal-proprjeta` li hemm fil-kuntratt ta` bejgh.

Il-lista taqbel f`kollox hlief ghall-fond wiehed.

Dan il-fond thalla barra. Huwa ndikat bhala nru. 2 fil-lista li hemm a fol 70, ossia –

> *"The terraced house at number ninety eight (98) formerly number (40) Msida Road Santa Venera, let at sixty Malta liri (Lm 60) per annum, having a value the said undivided third share of three thousand three hundred and thiry three Maltese liri (Lm 3,333)"*

Din kienet l-unika proprjeta` li fil-fatt thalliet barra mill-kuntratt.

Jirrizulta x`kien dikjarat bhala proprjeta` tal-wirt ta` Hugh Sant Fournier.

**Meta tqis dak li nghad fil-gurisprudenza, b`referenza ghall-Art. 912(1) tal-Kodici Civili, din il-Qorti tirriafferma li d-dritt tal-irkupru huwa ezercitabbli, meta jkun hemm cessjoni ta` kwota ereditarja, mhux meta jkun hemm cessjoni ta` sehem indiviz ta` mmobbli determinati.**

**Dan premess, tesprimi l-konvinzjoni taghha, ibbazata fuq fatti accertati u ppruvati, li meta sar il-konvenju de quo, l-intenzjoni tal-kontraenti kienet illi min-naha wahda s-socjeta` attrici takkwista l-kwota kollha ereditarja ta` Robert Sant Fournier, u min-naha l-ohra l-intenzjoni ta` Robert Sant Fournier kienet li jbiegh l-kwota kollha tieghu.**

**Dwar dan il-Qorti m`ghandhiex xrara wahda ta` dubju wara li qieset l-assjem tal-provi.**

Din il-Qorti tkompli tghid dan kollu :

Abbazi tal-klawsola nru. 6 tal-konvenju, li ghal xi raguni thalliet barra mill-kuntratt. Stante li kienet ordnata li ssir il-pubblikazzjoni tal-att finali skont il-konvenju, eskluza biss il-klawsola nru. hamsa (5), meta sar dan l-kuntratt, il-klawsola nru. sitta (6) kellha tigi riprodotta wkoll ghaliex kienet parti integrali minn dak l-konvenju.

Ic-certezza morali tal-qorti tkompli tkun riaffermata bix-xiehda ta` Joseph Baldacchino f`kawza ohra li ghaliha saret referenza billi x-xhud huwa defunt.

Bhala uniku direttur tas-socjeta` attrici, huwa kien xehed li l-intenzjoni tieghu kienet li jakkwista l-ishma **kollha** li kienu jiffurmaw l-wirt ta` Hugh Sant Fournier.

Anke dan il-fatt huwa kkonfermat mix-xiehda tal-Av. Peter Borg Costanzi li stqarr illi l-intenzjoni ta` Robert Sant Fournier kienet li tigi inkluza l-proprjeta` kollha.

**Ghal din il-Qorti, l-assjem ta` fatti u cirkostanzi tal-kaz jaghmlu l-prova fuq bilanc ta` probabilitajiet illi Robert Sant Fournier kien qed ibigh il-kwota ereditarja tieghu u mhux biss sehem mill-immobbli ad eccezzjoni ta` ishma ohrajn.**”

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

“tilqa’ dan l-umili appell u tvarja, tbiddel u tirriforma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ‘Olive Gardens Investments Limited vs. Il-Profs. Ian Refalo li b’digriet tat-22 ta’ Marzu 2017 gie kkonfermat bhala kuratur deputat ghall-assenti Michelle Corinne Minter’ (Rikors Mahluf Numru 170/2017 JZM) fil-31 t’Ottubru 2019, u dan billi filwaqt li tikkonfermaha fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tirrevokaha, thassarha u tikkancellaha fil-kumplament taghha, u minflok tghaddi biex tilqa’ t-talbiet attrici, previa

> r-rigett ta' l-eccezzjonijiet rimanenti tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-istess konvenut."

6. Rat ir-risposta tal-konvenut *nomine* li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, jissottometti illi:

> "is-sentenza appellata timmerita li tigi kkonfermata u l-appell tas-socjeta` appellanta ghandu jigi michud fl-interezza tieghu bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` appellanta."

7. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

8. Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

9. Illi din il-kawza tikkoncerna cedola ta' depozitu numru 1291/2016 li in forza taghha l-konvenuta ttentat tirkupra, ghall-finijiet tal-Artikolu 912 tal-Kodici Civili l-proprjeta` immobbli li s-socjeta` attrici akkwistat minghand Robert Sant Fournier skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tat-22 ta' Lulju, 2016. Il-konvenuta Michelle Corinne Minter u Robert Sant Fournier huma ahwa, ulied u unici eredi tal-mejjet Hugh Sant Fournier. Il-mejjet Hugh Sant Fournier kellu diversi proprjeta` Malta, u t-tfal tieghu ma kinux residenti Malta. Robert Sant Fournier ma riedx ikollu x'jaqsam mal-proprjeta` li kellu missieru f'Malta u dahal f'konvenju biex jitrasferixxi l-proprjeta` lil terzi (is-socjeta` attrici) fit-

23 ta' Mejju, 2003. F'dan il-konvenju gew imnizzla wahda wahda l-proprjetajiet in vendita, f'dan li fil-klawsola 6 gie dikjarat is-segwenti:

> *"the parties agree that any other immovable property in Malta which the vender inherited from his father and which he still owns today is included in this promise of sale and shall be included in the final deed without any change to the price mentioned in clause 1 above."*

10. Il-kuntratt relattiv ma giex ippubblikat skont kif miftiehem, u saret kawza l-Qorti biex din tordna l-esekuzzjoni tal-konvenju u l-bejgh tal-proprjeta` ndikata fil-konvenju. Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili b'sentenza tat-30 ta' Jannar, 2015, laqghet it-talba tal-venditur u ordnat li jsir il-bejgh li sar, kif intwera, fit-22 ta' Lulju, 2016. Fil-kuntratt gie elenkat l-immobbli kollha li kienu mnizzla fil-konvenju.

11. Il-konvenuta Michelle Corinne Minter tqis dan il-bejgh bhala bejgh ta' sehem minn wirt li tieghu ghandha sehem hi wkoll u ressqet cedola ta' depozitu biex, bhala ko-eredi ta' missierha flimkien ma' huha, tirkupra l-proprjeta` mibjugha. Is-socjeta` attrici qed tattakka dan l-irkupru ghax targumenta ilil l-bejgh kien, mhux ta' kwota ereditarja, izda sehem mill-immobbli u allura l-konvenuta ma ghandha ebda dritt tezercita rkupru u c-cedola li ressqet hija invalida u nulla.

12. L-ewwel Qorti ghamlet rassenja tal-gurisprudenza in materja u osservat li d-dritt tal-irkupru huwa ezercitabbli meta jkun hemm cessjoni ta' kwota ereditarja, mhux meta jkun hemm cessjoni ta' sehem indiviz ta'

immobbli determinati. F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti kkonkludiet li Robert Sant Fournier kien qed ibiegh il-kwota ereditarja tieghu u mhux biss sehem mill-immobbli, u ghalhekk, cahdet it-talbiet attrici.

13. Is-socjeta` attrici ressqet appell u qed targumenta li l-bejgh kien ta' mmobbli specifici u mhux ta' kwota ereditarja li jfisser li rkupru ma setax isir.

14. Trattat l-appell, din il-Qorti taqbel mal-principju kif enuncjat mill-ewwel Qorti u bazat fuq il-gurisprudenza nostrana, u cioe` li meta ko-eredi jitrasferixxi sehem indiviz f'immobbli lil terz, qabel ma tkun saret il-qasma, dak it-trasferiment mhuwiex soggett ghad-dritt ta' rkupru, izda huwa soggett ghal dak li jipprovdi l-Art. 946 tal-Kodici Civili. Il-kwistjoni meritu tal-kawza hija wahda ta' fatt, u cioe`, jekk bil-kuntratt ta' Lulju 2016, sarx kaz ta' cessjoni ta' kwota ereditarja, kif tissottometti l-konvenuta, jew ta' jeddijiet fuq proprjeta` immobbli komprizi fil-wirt, kif tallega s-socjeta` attrici. Principju iehor importanti huwa li d-dritt ta' rkupru ma huwiex suxxettibbli ta' interpretazzjoni estensiva billi huwa kuntrarju ghal-liberta' tad-disponibilita` tal-beni u eccezzjoni ghad-dritt komuni (ara "**<u>Micallef v. Difesa</u>**", deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Mejju, 2006).

15. F'dan il-kaz, din il-Qorti tara li ma tistax taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti ghax tara li dak li ghamel il-ko eredi kien cessjoni ta' dritt

tieghu f'immobbli specifiku u mhux cessjoni tad-dritt successorju tieghu. Il-kuntratt innifsu tat-22 ta' Lulju 2016 jitkellem car fuq "*sale of the hereunder described immovable property*", u fl-ebda mument ma jitkellem fuq bejgh ta' dritt successorju tal-venditur. Ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, Janice Baldacchino, xehdet b'mod car illi "*ahna l-proprjeta` konna qed nixtru*". Il-hsieb tal-akkwirent ma kienx li jinvolvi ruhu fil-wirt ta' Hugh Sant Fournier, izda li jakkwista l-beni mmobbli, probabbilment ghall-izvilupp.

16. Jista' jkun li l-ko eredi Robert Sant Fournier xtaq jinheles kompletament minn sehmu mill-wirt ta' missieru, izda dan il-hsieb ma kienx kondiviz max-xerrej fuq l-att ta' vendita` li xtara mmobbli u xejn izjed. Meta xi hadd jixtri sehem ta' dritt successorju, jakkwista mhux biss l-immobbli, izda l-attiv kollu u anke l-passiv, izda f'dan il-kaz ma sarx hekk. Fuq kollox ma jissemmiex il-passiv li, bhala werriet, kien responsabbli ghalih skont is-sehem li akkwista.

17. Oltre dan ma jidhirx li x-xerrej akkwista l-attiv kollu. Jissemma, per ezempju, kont mal-Bank of Valletta intestat "*heirs of the late Hugh Sant Fournier*" li jidher li ghadu miftuh. Jista' jkun li dan il-kont infetah wara l-mewt ta' dan Hugh Sant Fournier, pero`, jekk hu hekk infetah mill-amministratur tieghu (jew iben l-amministratur) bi flus li kienu jappartjenu lid-*decuius*. Mhux car meta u kif infetah dan il-kont, pero`, jidher li

jappartjeni lill-attiv tal-mejjet Hugh Sant Fournier li ma giex trasferit mal-kuntratt ta' Lulju 2016.

18. Jidher li hemm ukoll gid immobbli ohra li kien jappartjeni lil Hugh Sant Fournier, u cioe`, sehem indiviz minn fond iehor f'Msida Road, Santa Venera. In-Nutar li ppubblikat il-kuntratt indikat lill-partijiet li kien hemm proprjeta` ohra mmobbli mhux inkluza fil-konvenju, pero`, giet avzata biex timxi mal-konvenju kif kienet ordnat il-Qorti bis-sentenza aktar qabel imsemmija. Veru li fi klawsola 6 tal-konvenju, riprodotta fil-paragrafu 9 ta' din is-sentenza, inghad li jekk tinstab proprjeta` mmobbli ohra, din kellha tigi nkluza fil-kuntratt finali, pero`, bhala fatt, ghalkemm in-Nutar riskontrat proprjeta` mmobbli ohra, din baqghet ma gietx inkluza fil-kuntratt. Kwindi, ma jistax jinghad li l-proprjeta` kollha li kellu Hugh Sant Fournier ghaddiet ghand ix-xerrejja.

19. Din il-klawsola 6 tindika wkoll li s-socjeta` attrici, bhala xerrejja, ma riditx takkwista s-sehem kollu tal-venditur mill-wirt ta' missieru, ghax ir-riserva saret biss ghall-proprjeta` mmobbli u mhux ghal xi assi ohra, mobbli jew immobbli, li seta' kellu l-mejjet. Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax tqis it-trasferiment li sar fit-22 ta' Lulju, 2016, fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech bhala trasferiment ta' kwota ereditarja.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` attrici Olive Gardens Investments Limited billi tilqa' l-istess, thassar u tikkancella s-sentenza tal-ewwel Qorti u minflok tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenut appellat Prof. Ian Refalo *nomine*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr